# IL-KWADRU TA' SALUS INFIRMORUM

minn Anton Buttigieg P.E.P.



Il-Kwadru ta' Salus Infirmorum wasal il-Qala fi Frar tal-1873. Kien għotja ta' Mons. Grech Delicata, Isqof ta' Għawdex, lis-Santwarju tal-Kunċizzjoni.

Dan il-kwadru fih żewġ figuri biss - il-Bambin u l-Madonna. il-Bambin bil-qiegħda f'ħoġorha, jiġbed l-attenzjoni ta' kulħadd lejn il-wiċċ ta' Ommu, kollu mħabba u ħniena. Karetteristika ta' dan il-kwadru hi, li kull fejn tkun qribu, liema naħa tal-artal jogħġbok tieqaf, issib dejjem il-Madonna iddur lejk u tħares fuqek. Kważi biex ngħid hekk trid turina li ħsiebha dejjem fina.

Il-kwadru hu biċċa xogħol tassew artistika ta' Pietro Gagliardi, pittur Taljan magħruf fis-seklu li għadda. Gagliardi twieled Ruma fl-1809. Studja l-arti fl-Akkademja ta' San Luqa. Iżda fix-xogħol tiegħu ma mexiex fuq l-istil klassiku ta' l-iskola tal-Camuċċini. Ipprefera jsegwi dak ta' Tommaso Mindardi. Għandu xogħlijiet f'diversi knejjes ta' Ruma fosthom fil-Bażilika ta' San Pawl fuori le Mura. F'Malta nistgħu naraw pittura tiegħu f'diversi knejjes. Gagliardi miet Frascati, qrib Ruma, fl-1890 fl-għomor ta' 81 sena.

Il-kwadru ta' Salus Infirmorum hu kopja fidila ta' wieħed tal-Madonna li kien fil-knisja ta' Santa Maria in Gianicolo, Ruma, u li kien ġie insultat minn xi nies ħżiena. Biex ipatti għal din l-imġieba sagrileġa , Mons. Grech Delicata qabbad lil Gagliardi jagħmillu kopja ta' l-istess kwadru bil-ħsieb li jġibha fis-Santwarju tal-Kunċizzjoni ħalli hemm issir riparazzjoni xierqa lill-Madonna. Ix-xewqa tal-isqof twettqet fl-1873. Fl-istess żmien Mons. Isqof ħareġ editt fejn stieden lill-Għawdxin kollha biex fir-Randan ta' dik is-sena jagħmlu pellegrinaġġi ta' tpattija għas-Santwarju bil-għan ukoll li jirbħu l-indulġenzi mogħtija mill-Papa Piju IX. L-Għawdxin wieġbu bil-qalb għas-sejħa ta' l-Isqof tant li uħud mill-parroċċi dik is-sena għamlu l-pellegrinaġġ għal tliet dabiet. Din id-drawwa qaddisa baqgħet issir fis-snin ta' wara. Il-Parroċċa tal-Qala għadha tagħmilha sa żmienna, fl-aħħar Ħadd ta' Mejju.

Snin ilu rnexxieli nitkellem ma' xhieda ħajjin dwar il-pellegrinaġġi li kienu jsiru għas-Santwarju wara ir-Randan tal-1873. Ħafna Għawdxin ħaduha drawwa jinvistaw lis-Santwarju kull meta kienu jistgħu. Id-devoti kienu jitilqu minn djarhom xħin kien jaqbel lilhom. Imbagħad meta kienu jaslu ħdejn il-ħarruba ta' tarf ir-raħal - din is-siġra xiħa għadha hemm - kienu jieqfu jistennew oħrajn sakemm ikunu numru biżżejjed biex jitilqu flimkien jgħidu r-Rużarju, matul it-triq lejn is-Santwarju.

Il-pellegrini tan-Nadur kienu jieħdu triq oħra. Għalihom il-post tal-laqgħa kien fejn il-plier fi Triq il-Qala, fejn illum hemm l-istatwa ta' San Ġużepp.

Minn għand l-istess xhieda ksibt it-talba li kienu sawwru lill-Madonna. Fiha hemm sinjali ċari ta' riparazzjoni. Minn għandhom smajt ukoll bil-grazzji li kienu jaqilgħu. Insemmi almenu waħda minn dawn il-grazzji li l-Madonna għoġobha tagħti.

F'dar qrib is-Santwarju kien jgħix ġuvni jismu Ġużepp Said, li kellu s-swaba ta' jdejh u l-aktar bejniethom mimlijin bil-felul - tant li kien jistħi joħroġ barra. Wara li talab lill-Madonna ta' Salus Infirmorum idejh issaffew bħal kieku qatt ma kellu xejn fihom. Din il-ġrajja l-ewwel li smajtha kien mingħand il-Kappillan tar-raħal Dun Ġużepp Vella (1927-1955). Hu kien semagħha minn fomm l-istess Ġużepp Said, u qalethieli wkoll Peppina oħt Ġużeppi, biż-żieda li l-Ħadd ta' wara l-ġrajja tal-fejqan, il-Kappillan ta' dan iż-żmien, waqt li n-nies kienu miġbura fil-knisja, tella' lil Ġużeppi quddiemhom u wrihom idejh safjin.

Fil-1889 il-parroċċa ġie trasferita fil-Knisja l-ġdida. Billi kien hemm nuqqas ta' ħafna ħtiġijiet, il-kwadru ta' Salus Infirmorum inġieb fiha ma dak kollu li seta' jinġieb. Meta mbagħad kien lest il-Kappellun tan-naħa tax-xellug dan il-kwadru ġie mqiegħed fuq l-artal tal-Madonna taċ-Ċintura fejn għadu sal-lum.

Mal-medda tas-snin saru diversi funzjonijiet f'ġieħ dan il-kwadru. Ġrajja waħda ma rridx inħalli barra.

Fil-kungress Marjan li nżamm fl-Arċidjoċesi fis-sena 1949, f'Għawdex ħadu sehem tliet kwadri; dak ta' Pinu li nġieb il-Katidral u kellu sehem fil-funzjonijiet tal-aħħar u ħa parti fil-purċissjoni tal-egħluq. It-tieni kwadru kien ta' dak ta' Santa Marija tal-Qala. Dan kellu jmur Malta għal Wirja Marjana, iżda wara ntervent ta' l-Isqof Pace nżamm Għawdex fejn kien espost fuq il-Palk fl-Oratorju Don Bosco fejn saret l-akkademja f'ġieħ il-Madonna jumejn wara xulxin. It-tielet kwadru kien dak ta' Salus Infirmorum.

Waħda mill-funzjonijiet tal-Kungress Marjan kienet Quddiesa Pontifikali fil-beraħ fuq iz-zuntier tas-Santwarju tagħna. Qabel il-quddiesa sar pellegrinaġġ mill-knisja parrokkjali għal dik tal-Kunċizzjoni. Fiħ nġarr proċessjonalment il-kwadru ta' Salus Infirmorum li ġie poġġut fuq l-artal fejn saret il-Quddiesa.

Qaddes l-E.T. Mons E. Galea Isqof ta' Tralles u niseġ ukoll l-omelija tal-okkażjoni. L-Isqof kien assistit mill-Arċipriet tan-Nadur u l-Kappillan tal-Qala. Fis-Santwarju hemm lapida li tfakkar din il-ġrajja.

Id-devozzjoni lejn Salus Infirmorum għadha qawwija ħafna, speċjalment fost in-nies tal-Qala. Il-grazzji li taqla' l-Madonna minn dan il-kwadru storiku u għażiż ma jieqfu qatt. Il-vizitaturi u turisti li jiġu jaraw il-kwadru famuż jibqgħu skantati quddiem l-arti eċċezzjonali tiegħu. Kollox ma' kollox, il-Qala tħossha kburija u ferħana b'wirt għażiż bħal dan.